IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 67-2019(25_04_19)**

**25 ta' April 2019**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sa Sonja Abela - Sindku
Is-Sinjura Juliet Rose Attard - Viċi Sindku
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier - daħal fil-laqgħa fis-6.15 ta' filgħaxija.
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier

Is-Sur Mark Busuttil - *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi - daħal fil-laqgħa fis-6:05 ta' filgħaxija.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sa Sonja Abela.

**67.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

67.1.1 Is-Sur Paul Curmi bagħat *sms* lis-Segretarju Eżekuttiv fejn infurmah li ser jittardja ftit.

**67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

67.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħat preċidenti numri 64-2019(27_03_19), 65-2019(29_03_19) u 66-2019(15_04_19) **–** Laqgħa b'urġenza li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**67.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

67.3.1 Is-Sindku tat rendikont tal-laqgħat li kellha.
Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għal-laqgħa mal-Kappillan tal-Munxar u ż-żgħażagħ dwar il-Festa. Is-Sindku attendiet ukoll għall-appell fl-Awtorità tal-Ippjanar dwar id-demmiela proposta fi Triq Żgħawri fil-Munxar.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi kienet saret il-Ħarġa għal Malta għal Kulħadd fl-10 ta' April 2019.

Is-Sindku infurmat ukoll illi kienet bdiet taħdem mal-Kunsill ħaddiem ġdida mill-iskema Community Workers Scheme Enterprise Foundation bħala *receptionist*/messaġġiera.

Is-Sindku elenkat lista ta' xogħlijiet li kienu saru u li kienu qed isiru fil-lokalità.
Fix-Xlendi twaħħlu l-bankijiet u s-slielem tal-baħar kif ukoll saret ix-xitla quddiem il-*garage* ta' ħdejn l-istabbiliment Zafiro. Fix-Xlendi wkoll, tlesta x-xogħol ta' *patching* fi Triq il-Qroll.
Fil-Munxar qed isir xogħol ta' żebgħa fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina u fil-Pjazza tal-Knisja kif ukoll ġiet ordnata t-tinda għall-*pitch* tal-boċċi. Fil-Munxar ukoll, saret Triq Sant'Anjeże kważi kollha bi skavar filwaqt li saret *site inspection* fi Triq Munxar.
Ġew irreġistrati l-palm tal-Munxar u tax-Xlendi.

**67.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

67.4.1 Is-Sinjura Juliet Rose Attard fakkret lill-Kunsill dwar il-*patching* li għandu jsir fi Triq San Pawl. Hija semmiet ukoll dwar il-*pelican lights* li għandhom isiru quddiem iz-zuntier tal-Knisja. Il-Kunsill qed jistenna lill-kuntrattur li, issa li l-*patching* tax-Xlendi huwa lest, irid jibda l-*patching* tal-Munxar. Il-Kunsill għadu jistenna l-permess ta' Transport Malta għall-*pelican lights*.

67.4.2 Is-Sur Damien Spiteri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq Ta' Marżiena fid-daħla tal-lokalità hemm diversi karozzi mingħajr numru. Kull darba li l-karozzi jitneħħew jerġgħu jitpoġġew oħrajn. Is-Sindku ser tkellem lis-sid qabel ma l-Kunsill jirreferi l-każ lill-Pulizija.

Is-Sur Damien Spiteri ssuġġerixxa li fil-*Masterplan* tax-Xlendi jiġi inkorporat li x-xtajta tiġi estiża bir-ramel. Issuġġerixxa wkoll li jsir xi tip ta' *diving wreck* 'il barra mill-Bajja tax-Xlendi. Ġie deċiż li l-Kunsill jikteb sabiex dawn iż-żewġ proposti jiġu kkunsidrati.

**67.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

67.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kumpanija Faces Consultants Ltd għada ma ġietx twaħħal il-*bus shelter* ta' quddiem Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina fil-Munxar. Ġie infurmat li dan ġara minħabba xi ġranet li kienet ix-xita u xogħol aktar urġenti ta' Transport Malta. Data tentattiva hija l-15 ta' Mejju 2019.

67.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva talba mingħand sajjied tax-Xlendi sabiex il-lanterni taż-żewġ fanali li hemm fuq il-moll jinbidlu ma' oħrajn li jaħdmu LED u jagħtu d-dawl 'l isfel biss. Kien hemm qbil dwar dan.

67.5.3 Ġie rrappurtat li *bin* li qiegħed fil-Pjazzetta ta' Triq San Xmun, Ix-Xlendi ntlaqat b'xi vettura u tkisser. Intalbet stima mingħand is-*supplier* u l-prezz huwa ta' €330 li ma jinkludix it-tpoġġija ta' *bin* ġdid u r-rimi ta' dak miksur.

67.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabar stimi sabiex isir *open skip* darba fil-ġimgħa b'għassa minn *warden*. Dan wara li xhur ilu l-Kunsill kien iddeċieda li jsir *open skip* darba fil-ġimgħa.
*Open skip* mingħajr ma jintefa' materjal ta' kostruzzjoni jiswa €47.20 VAT inkluż. *Open skip* għal materjal ta' kostruzzjoni biss jiswa €53.10 VAT inkluż. Servizz ta' *warden* jiġi €47.49 għal tliet sigħat u nofs. Għaldaqstant, b'effett mis-Sibt 11 ta' Mejju 2019 ser jitpoġġa *skip* li jieħu imbarazz imma mhux materjal ta' kostruzzjoni u *warden* li ser jiswew €94.69.

67.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal-laqgħa li saret mal-Kuntrattur KIP Għawdex Ltd u sidien ta' *skip on wheels* li tpoġġew fi Pjazza l-Anfori. Is-Sindku mexxiet din il-laqgħa. Peress li qed jitpoġġew ħafna boroż suwed maġenb dawn l-i*skips* minn persuni mhux magħrufa, dawn is-sidien qed jitolbu li ssir CCTV. Huma talbu wkoll li meta jitranġa l-*Parking* isir post imdawwar b'*fencing* u *outlet* tal-ilma u *outlet* tad-drenaġġ sabiex l-istess *skips* ikunu jistgħu jinħaslu. Is-Sindku ssuġġeritilhom ukoll il-kamra ta' maġenb il-latrina tad-*dry standing area*.

**67.6 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

67.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 4/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Elezzjonijiet għall-Gvern Lokali (25 ta' Mejju 2019)'.

67.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 5/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Elezzjonijiet għall-Gvern Lokali (25 ta' Mejju 2019) – L-Uffiċċji Amministrattivi tar-Reġjuni u tal-Kunsilli Lokali għandhom jinżammu magħluqa'.

67.6.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/06/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali) Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*, Direttorat għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Espressjoni ta' interess għall-programm: Għaqal id-Dar – Ħajja Aħjar'.

67.6.4 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/07/2019 mingħand id-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni'.

67.6.5 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru DĠ/K/03/2019 mingħand id-Direttur Ġenerali (Gvern Lokali), Diviżjoni tal-Gvern Lokali bis-suġġett 'Protokoll Lokali'.

67.6.6 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru DĠ/K/04/2019 mingħand id-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali, Diviżjoni tal-Gvern Lokali bis-suġġett 'Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Strateġiji Kulturali għall-Kunsilli Lokali u Reġjonali'.

67.6.7 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru DĠ/K/05/2019 mingħand id-Direttur Ġenerali (Gvern Lokali), Diviżjoni tal-Gvern Lokali bis-suġġett 'Ħatra ta' direttur ġdid għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) u Organogramma tal-Kapijiet tat-Taqsimiet'.

67.6.8 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilità rigward 'Expression of Interest to offer Lifelong Learning Courses 2019/20 to the Community'.

67.6.9 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand The Malta Society for the Protection and Care of Animals (MSPCA) fejn ingħatat informazzjoni dwar il-ħidma tagħhom. Huma jixtiequ jipprovdu *educational sessions* dwar suġġetti relatati mal-annimali fil-komunità u għaldaqstant il-Kunsill ġie mitlub sabiex jikkopera magħhom.

67.6.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fejn qed jitwasslu żewġ *e-mails* mibgħuta mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u l-Financial Accounting Manager fl-Uffiċċju tiegħu rigward 'Call for nominations: UNESCO World Book Capital 2021'.

67.6.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* flimkien ma' *flyer* mibgħuta mill-Manager, Policy Development and Programme Implementation Directorate fil-Ministeru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji ż-Żgħar rigward '2019 Sustainable Enterprise Award'. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex iwaħħal il-*flyer* fuq in-*noticeboard* sabiex il-pubbliku jkun jista' jarah.

67.6.12 Il-Kunsill irċieva invit mingħand is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet għall-'Konferenza tal-Aħbarijiet dwar ir-Riforma fil-Gvern Lokali' fit-3 ta' Mejju 2019 f'Auberge D'Italie, Il-Belt Valletta.

67.6.13 Is-Sindku rċeviet proposta sabiex parti minn bankina fi Triq Sant'Indrija tiċċekken biex b'hekk ikun jista' jiżdied il-*parking* man-naħa tad-*dry standing area*. Diġà saret talba permezz tas-sistema Gozo Local Councils Works Request. Kien hemm qbil dwar dan.

67.6.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju tal-Għaqda Festa Għajn Tuta, Ta' Kerċem fejn qed jitlob approvazzjoni sabiex ikunu jistgħu jagħlqu Xlendi Road fit-12 ta' Lulju 2019 bejn id-9 ta' filgħaxija u l-10:30 ta' filgħaxija peress li ser jinħaraq nar tal-ajru mill-*area* magħrufa 'L-Isqawi'. Kien hemm qbil dwar dan.

67.6.15 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kappillan tal-Parroċċa San Pawl Nawfragu. Huwa qed jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill għall-attivitajiet konnessi mal-festa ta' barra f'ġieħ l-Appostlu Missierna San Pawl li ser isiru fil-Pjazza l-Ġimgħa 17, il-Ħadd 19 u bejn l-Erbgħa 22 u l-Ħadd 26 ta' Mejju 2019 u biex matul din l-istess festa jkunu jistgħu jaħarqu n-nar tal-ajru kif indikat fil-pjanta annessa nhar il-Ġimgħa 17, il-Ġimgħa 24, is-Sibt 25 u l-Ħadd 26 ta' Mejju 2019. Kien hemm qbil dwar dan.

67.6.16 Il-Kunsill irċieva approvazzjoni mingħand Transport Malta sabiex isiru żewġ *road humps* u tabelli għat-*traffic calming* u *double yellow line* fi Triq Munxar, Il-Munxar. Dawn ser isiru wara li jsir wiċċ ġdid bit-tarmak.

67.6.17 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar 'Inizjattiva b'kollaborazzjoni ma' Heritage Malta – Skema għall-Anzjani'. Din l-inizjattiva ser tkun qed tippromova l-passaport għal siti storiċi għall-anzjani. Il-kunċett huwa wieħed simili għall-passaport tal-istudenti. Heritage Malta tkun qed toffri b'xejn u bla limitu aċċess għal dħul f'mużewijiet u siti storiċi għal kull anzjan li jkun jixtieq jissieħeb fl-iskema. L-anzjani jistgħu jkunu akkumpanjati minn żewġ żgħażagħ li huma wkoll ikunu jistgħu jidħlu mingħajr ħlas.
Sabiex il-Kunsill ikun parteċipi, irid jimtela l-mandat u jintbagħat lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-ħin kien is-6.05 ta' filgħaxija u s-Sur Mark Busuttil - *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi wasal fil-laqgħa.

**67.7 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2018**

67.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni l-*Financial Statements* 2018 li għadhom kemm ġew awditjati mill-awdituri mqabbda mill-Gvern Ċentrali. Huwa ta spjegazzjoni dettaljata tal-*Financial Statements* u wieġeb għal xi mistoqsijiet. Għas-sena finanzjarja 2018, il-Kunsill kien baqagħlu *surplus* ta' €31,720.
Il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Statements* 2018.

**67.8 Kisi ta' parti minn Triq iż-Żirżieb, Ix-Xlendi**

67.8.1 Bħala parti mill-proċess sabiex din it-triq tinkesa għall-ewwel darba, saret talba lill-Awtorità tal-Artijiet sabiex tiddikjara jekk l-art fejn ġejja t-triq hijiex privata jew pubblika. Jekk l-art tkun pubblika, isiru l-livelli u l-*alignment* u tinħareġ is-sejħa għall-offerti. Jekk l-art tkun privata, il-Gvern Ċentrali jrid jagħmel l-*expropriation* tal-art.

Il-ħin kien is-6.15 ta' filgħaxija u s-Sur Paul Curmi wasal fil-laqgħa.

**67.9 Kisi ta' Triq Munxar bit-tarmak**

67.9.1 Saret spezzjoni mill-Kuntrattur, l-Inġinier tal-Water Services Corporation, il-Perit tal-Kunsill, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Ġew identifikati t-talbiet li saru mir-residenti u ġie diskuss ir-rimedju magħhom. Kollox għandna lest għax-xogħol sabiex jibda, però fuq talba tar-residenti x-xogħol ser jibda wara l-Festa tar-Raħal, jiġifieri, wara s-26 ta' Mejju 2019.

**67.10 L-Attività *Gozo Alive* 05-05-2019**

67.10.1 Il-Kunsill irċieva tliet kwotazzjonijiet:

a) Ta' Mena Agri Ltd - €3,000
b) Munxar Youth Centre - €3,500
c) Munxar Falcons FC - €4,000

Ġie deċiż li din l-attività tingħata lil Ta' Mena Agri Ltd għall-prezz ta' €3,000.

**67.11 Impjieg ta' skrivan/a full-time**

67.11.1 Il-Kunsill irċieva lista ta' persuni li qed jirreġistraw mal-jobsplus għall-impjieg ta' skrivan/a u li għandhom il-kwalifiċi rikjesti. Minn din il-lista tnejn kienu li applikaw. Waħda mill-persuni li applikat intalbet tiġi għall-intervista iżda hija infurmat lill-Kunsill li kienet diġà sabet xogħol ieħor. L-intervista lill-persuna l-oħra saret fl-4 ta' April 2019. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill sabiex japprova r-riżultat tal-intervista. Dan ir-rapport ġie approvat u l-persuna tista' tibda taħdem mit-2 ta' Mejju 2019.

Is-Sindku staqsiet fejn ser ikun postu l-iskrivan għaliex fejn qiegħda bħalissa r-*receptionist* ma hijiex tilħaq lil kull min jiġi l-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-pjanijiet huma li l-iskrivan il-ġdid ser ikollu l-*cash* u ser ikun minflok fejn bħalissa hemm ir-*receptionist,* jiġifieri, fil-*public area* taħt it-taraġ prinċipali u trid issir *CCTV.* Ir-*receptionist* ser titpoġġa fl-ewwel kamra tal-bieb prinċipali.

**67.12 Il-Festa ta' San Pawl Nawfragu 2019**

67.12.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kienet saret laqgħa mal-Kappillan, Rappreżentant taż-Żgħażagħ, is-Segretarju Eżekuttiv u hija fejn ġew diskussi attivitajiet li ser isiru mill-Kunsill. Dawn huma:

- Serata fejn ser jintwera l-*Eurovision* trasmess dirett fuq *big screen* li ser tittella' fi Triq il-Madonna tal-Karmnu, Il-Munxar fit-18 ta' Mejju 2019;
- Serata 'Festa tat-Tfal' bil-parteċipazzjoni ta' 'Tikka Banda' li ser tittella' fid-19 ta' Mejju 2019;
- 'Serata Pawlina' fil-Knisja Parrokkjali San Pawl Nawfragu, Il-Munxar li ser tittella' fit-22 ta' Mejju 2019;
- 'Żgħażagħ Fest' fil-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar li ser tittella' fit-23 ta' Mejju 2019;
- Attività fejn ser ikun hemm wiri ta' *feature* u dawl mal-faċċata taċ-Ċentru Parrokkjali li jinsab fi Triq il-Madonna tal-Karmnu, Il-Munxar li ser tittella' fl-24 ta' Mejju 2019;
- Attività quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali li jinsab fi Triq il-Madonna tal-Karmnu, Il-Munxar fejn ser ikun hemm wiri ta' *feature,* dawl mal-faċċata taċ-Ċentru Parrokkjali u *sound* fejn iċ-Ċentru Parrokkjali u fi Triq l-Andrijiet li ser tittella' fil-25 ta' Mejju 2019.

Il-Kunsill ser jitlob għal tliet stimi u jiġu ppreżentati fil-laqgħa li jmiss.

**67.13 Fondi tal-EU għal restawr tat-Torri tax-Xlendi (ERDF.PA5.0120)**

67.13.1 Bħalissa l-Kunsill qed jistenna mingħand il-kuntrattur li ġie *awarded* bil-kuntratt sabiex jippreżenta l-garanzija u jiġi ffirmat il-kuntratt. L-*insurance* diġà ġiet ippreżentata.

**67.14 Proposta ta' ġemellaġġ**

67.14.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li għadha qed tistenna risposta mingħand is-Sindku ta' Caltagirone.

**67.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv**

67.15.1 Fil-laqgħa kien hemm preżenti s-Sur Mark Busuttil – *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi. Huwa semma dwar xogħlijiet ta' manutenzjoni li s-soltu jsiru qabel ma jibda l-istaġun tas-sajf. Dan ix-xogħol daqt jibda u fil-fatt diġà nxtara l-materjal.

**67.16 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

67.16.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Iskeda tal-Ħlasijiet numru 67-2019(25_04_19) li tkopri l-perjodu mit-28 ta' Marzu 2019 sal-25 ta' April 2019 għall-ammont totali ta' €21,223.86 għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni. Il-Proponent kien is-Sur Paul Curmi – Kunsillier u s-Sekondat kien is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier.
Din l-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata.

**67.17 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

67.17.1 Il-laqgħa aġġornat fit-8:10 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 20 ta' Mejju 2019 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

Anthony Grech
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-Minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill Nru 68-2019(20_05_19) li nżammet nhar it-Tnejn, 20 ta' Mejju 2019.

**IFFIRMATA**

Sonja Abela
Sindku